

*Mal-wasla ta' l-E.T. Mons. Tommaso Caputo fil-Knisja Katidrali. Fuq ix-xellug tiegħu jidher il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci. Jidher ukoll (fuq il-lemin) l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.*

# L-ewwel żjara f'Għawdex ta' l-E.T. Mons. Tommaso Caputo

**minn Charles Spiteri**

Is-Sibt li għadda, 19 ta' Jannar, in-Nunzju Apostoliku l-ġdid għal Malta, l-Eċċellenza Tieghu Mons. Tommaso Caputo żar uffiċjalment id-Djoċesi ta' Għawdex. Fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu n-Nunzju żar is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fir-Rabat, fejn wara li għamel xi ħin jitlob fil-kappella, iltaqa' mas-Seminaristi. Wara ltaqa' mas-Saċerdoti fil-Knisja Ragħaj it-Tajjeb, għal mument ta' talb u riflessjoni flimkien.

Għall-ħabta ta' l-4.00p.m. in-Nunzju għamel żjara fl-Isptar Ġenerali fejn żar lill-pazjenti kollha rikoverati kif ukoll is-sala tal-maternità.

Fis-6.00p.m. in-Nunzju mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja Katidrali flimkien mas-saċerdoti tad-Djoċesi.



*L-E.T. Mons. Tommaso Caputo flimkien mar-rappreżentant tagħna f'Għawdex, Charles Spiteri.*

L-E.T. Mons. Caputo talab lir-rappreżentant f'Għawdex ta' *The Maltese Herald*, Charles Spiteri, sabiex permezz ta' din il-Gazzetta jwassal l-awgurju tiegħu ta' sena ta' paċi u ġid lill-Maltin kollha f'dan il-kontinent. Mons. Caputo wiegħed illi ser jitlob għall-Maltin ta' l-Awstralja ħalli l-Mulej jieqaf magħhom, jgħinhom fil-bżonnijiet tagħhom u jsaħħaħhom fil-fidi.